

Brussell, 10 ta' Mejju 2022  
(OR. en)

8884/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0137(NLE)**

---

**AVIATION 82**  
**RELEX 613**  
**ASIE 21**

**PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Mejju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 193 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 193 final.

Mehmuż: COM(2022) 193 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 6.5.2022  
COM(2022) 193 final

2022/0137 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru  
bejn l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, u l-Unjoni  
Ewropea u l-Istati Membri tagħha**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fis-6 ta' Mejju 2022 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, soġġett għall-konklużjoni ta' dak il-Ftehim.

L-iskop ta' din il-proposta huwa li tapprova l-konklużjoni tal-Ftehim.

#### • Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Fl-*Istrateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa*<sup>1</sup> tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li “bl-adozzjoni ta' politika esterna ambizzjuża dwar l-avjazzjoni permezz tan-negozjar ta' ftehimiet komprensivi dwar l-avjazzjoni, b'enfasi ċara fuq is-swieq tat-tkabbir, l-UE tista' tikkontribwixxi biex ittejjeb l-aċċess għas-suq u l-opportunitajiet ta' investiment għall-avjazzjoni Ewropea fi swieq barranin importanti, filwaqt li żżid il-konnettività internazzjonali tal-Ewropa u tiżgura kundizzjonijiet tas-suq ġusti u trasparenti għal-linji tal-ajru tal-UE”.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur* (COM(2020) 789 final) tappella biex l-Unjoni ssir iċ-ċentru tal-konnettività tad-dinja. Kif spjegat mill-Komunikazzjoni, sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, “l-iżgurar ta' kompetizzjoni internazzjonali mingħajr distorsjoni, ir-reċiproċità u kundizzjonijiet ekwi huma essenzjali”. Il-Komunikazzjoni ħabbret li “il-Kummissjoni se tkompli wkoll tippromwovi l-użu ta' standards tekniċi, soċjali, ambjentali u tal-kompetizzjoni Ewropej [...] fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi individwali li mhumiex tal-UE fil-modalitajiet kollha tat-trasport” u “se tkompli tapprofondixxi r-relazzjonijiet tat-trasport, inkluż ma' sħab strateġiċi ewlenin [...], u se tkompli tiżviluppa rabtiet ma' sħab internazzjonali ġodda, bħal ekonomiji b'rata għolja ta' tkabbir u ekonomiji emerġenti”.

L-Istati Membri tal-ASEAN huma fost l-iktar ekonomiji li qed jikbru malajr fid-dinja, u flimkien jirrappreżentaw suq ta' iktar minn 650 miljun persuna. Bi 11.2-il miljun passiġġier fl-2019, l-ASEAN kollettivament hija t-13-il l-ikbar sieħeb tal-avjazzjoni tal-Unjoni, b'potenzjal qawwi li tkompli tikber. Il-ftehimiet bilaterali attwali dwar l-avjazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Istati Membri individwali tal-ASEAN jipprevedu xi aċċess reċiproku għas-suq, li għadu mhux ugwali minn par pajjiżi għal ieħor. Barra minn hekk, daww il-ftehimiet bilaterali ma għandhomx dispożizzjonijiet adegwati dwar elementi essenzjali biex jiġu evitati l-abbużi ta' suq liberalizzat, bħall-kompetizzjoni ġusta, it-trasparenza jew kwistjonijiet soċjali.

Fir-rigward tal-ASEAN, il-Ftehim jindirizza l-objettiv tal-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti biex l-Unjoni tinbidel f'ċentru tal-konnettività tad-dinja.

Billi jiffaċilita l-operat ta' konnessjonijiet diretti bejn l-UE u l-ASEAN, il-Ftehim se jgħin biex titnaqqas id-dipendenza fuq titjiriet konnessi permezz ta' ċentri f'pajjiżi terzi. Dan mhux biss se jkun ta' benefiċċju għat-trasportaturi tal-Unjoni, iżda se jnaqqas ukoll l-impronta

---

<sup>1</sup> *Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa*, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2015) 598 final, 7.12.2015.

ambjentali ta' vjaġġi individwali bejn l-UE u l-ASEAN, billi se jqassar ir-rotot tat-titjiriet u se jnaqqas l-għadd ta' operazzjonijiet ta' qtugħ mill-art u ta' llandjar — skont l-objettivi tal-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti u tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *il-Patt Ekoloġiku Ewropew* (COM(2019) 640 final).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għandhom jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u l-Istati Membri individwali tal-ASEAN. Madankollu, id-drittijiet tat-traffiku eżistenti li joriġinaw minn dawn il-ftehimiet bilaterali u li mhumiex previsti skont dan il-Ftehim, jistgħu jkomplu jiġu eżerċitati, diment li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn l-Istati Membri u n-nazzjonali tagħhom.

Ir-Regolament (UE) 2019/712<sup>2</sup> dwar is-salvagwardja tal-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru jiżgura li kwalunkwe miżura adottata abbażi tiegħu tirrispetta l-obbligi internazzjonali, inkluż dawk ta' dan il-Ftehim.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-arranġamenti eżistenti li jkunu saru bejn l-Istati Membri u l-Istati Membri individwali tal-ASEAN. Il-Ftehim, b'mod simultanju għat-trasportaturi tal-ajru kollha tal-Unjoni, joħloq kundizzjonijiet ugwali u uniformi għall-aċċess għas-suq, u jstabbilixxi arranġamenti ġodda għall-kooperazzjoni u għall-konverġenza regolatorja bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tal-ASEAN f'oqsma essenzjali għall-operat sikur, sigur u effiċjenti tas-servizzi tal-ajru. Dawn l-arranġamenti jistgħu jinkisbu biss fil-livell tal-Unjoni.

L-objettivi tal-proposta se jinkisbu aħjar permezz tal-azzjoni tal-Unjoni għar-raġunijiet li ġejjin.

Il-Ftehim jiżgura l-applikazzjoni simultanja tat-termini tiegħu għas-27 Stat Membru, mingħajr diskriminazzjoni u billi jkun ta' benefiċċju għat-trasportaturi tal-ajru kollha tal-Unjoni, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom. Jinkludi dispożizzjonijiet komprensivi dwar is-sussidji, il-prattiki antikompetittivi u t-trasparenza, kif ukoll mekkaniżmi robusti biex jinforza dawn id-dispożizzjonijiet, u b'hekk jikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għas-servizzi tal-ajru bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tal-ASEAN, u bejn l-Unjoni u destinazzjonijiet oħra, operati mill-Istati Membri tal-ASEAN. L-ebda wieħed mill-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi tal-ajru tal-Istati Membri ma jinkludi dispożizzjonijiet komparabbli.

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/712 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar is-salvagwardja tal-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 868/2004, ĠU L 123, 10.5.2019, p. 5.

Il-Ftehim jiżgura wkoll l-aċċess għall-opportunitajiet kummerċjali għat-trasportaturi tal-ajru kollha tal-Unjoni, b'hal dawk relatati mas-servizzi fuq l-art, il-code-sharing, l-intermodalità u l-possibbiltà li jstabbilixxu l-prezzijiet liberament. Jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar kwistjonijiet soċjali konformi ma' dawk inklużi fi ftehimiet kummerċjali internazzjonali tal-Unjoni, li jobbligaw lill-Partijiet itejbu l-politiki soċjali u tax-xogħol skont l-impenji internazzjonali tagħhom, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO). Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, jistabbilixxi qafas għall-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tal-ASEAN biex jiġi minimizzat l-impatt tal-avjazzjoni fuq l-ambjent, u b'mod partikolari fl-indirizzar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra assoċjati mal-avjazzjoni. L-ebda wieħed mill-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi tal-ajru tal-Istati Membri ma jinkludi dispożizzjonijiet komparabbli.

- **Proporzjonalità**

L-Istati Membri se jkomplu jwettqu l-kompiti amministrattivi tradizzjonali tagħhom li jwettqu fil-kuntest tat-trasport internazzjonali bl-ajru, iżda skont regoli komuni applikati b'mod uniformi.

- **Għażla tal-istrument**

Ftehim internazzjonali.

### 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

### 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

## **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 japprova l-Ftehim f'isem l-Unjoni.

L-Artikolu 2 jipprevedi n-notifika tal-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.

L-Artikolu 3 jipprevedi d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni proposta.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill XXXX/XX, il-Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ġie ffirmat fi XX, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar 'il quddiem.
- (2) L-Istati Membri tal-ASEAN huma fost l-iktar ekonomiji li qed jikbru malajr fid-dinja u s-swieq tagħhom għas-servizzi tal-ajru għandhom potenzjal qawwi għal iktar tkabbir. Il-Ftehim għandu l-għan b'mod partikolari li jiżgura kompetizzjoni ġusta, il-faċilitazzjoni tal-ftuħ gradwali tas-suq, u ż-żieda fl-aċċess għar-rotot u għall-kapaċità, bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tal-ASEAN, u b'hekk ikun ta' benefiċċju għall-konsumaturi u għall-ekonomija.
- (3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa memuż ma' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Il-Kummissjoni għandha, f'isem l-Unjoni, tagħti n-notifika li tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.  
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*